**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 80/2020 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**
**Abdulhamid Saied**

**Illum 23 ta' Gunju, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Abdulhamid Saied, detentur tal-karta tal-identita' numru 0138450A;

Billi huwa akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-19 ta' Frar, 2020 ghal habta tas-saghtejn u kwart ta' filghodu (02:15 a.m.) Triq il-Kus, Birzebbugia, bil-hsieb li jaghmel delitt cioe' jisraq minn gewwa vettura numru ta' registrazzjoni VIC 922 tal-ghamla Mercedes Benz ghad-dannu ta' Alfred Schembri u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu liema serq kieku sehh kien ikun aggravat bil-'mezz, 'hin', u 'xorta ta' haga misruqa'. (Art 41(1)(a), 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta' Alfred Schembri u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (2,500) izda hi aktar minn mitejn u hamsin euro (250). (Art. 325(1)(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'post pubbliku jew accessibbli ghal pubbliku kien jinsab fi stat ta' sakra. (Art 338(ff) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

U finalment talli f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 19 ta' Frar, 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', current incident report datat 19 ta' Frar, 2020 immarkat bhala Dok TM, stima minghand il-Kind's immarkat bhala Dok TM1, stqarrija datata 19 ta' Frar, 2020 immarkat bhala Dok TM2, person details immarkat bhala Dok TM3, fedina penali tal-imputat immarkat bhala Dok TM4, kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja mmarkat bhala Dok TM5, rinunzja tad-dritt tal-parir legali mmarkat bhala Dok TM6.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Alfred Schembri; Anthony Schembri; PC 26 Ryan Farrugia; WPC 160 Nicolette Grech; PC 881 Nicholas Christian Caruana; PC 459 Ibrahim Hussein; Spettur Trevor Micallef; PC 500 Alex Bonnici; Antoine Vella.

**Anthony Schembri** pprezenta filmat tal-incident li sehh fi Frar 2020 ghal habta tas-saghtejn u ghaxra (02:10 hrs) ta' filghodu gewwa St Rita, Triq il-Kus, Birzebbugia. F'dan il-footage jidher persuna li jiftah bieba ta' karozza u dan anke ghaliex jinxteghel id-dawl ta' gewwa l-karozza, izda ma jintgharafx min hu l-persuna li fetah il-bieba tal-karozza.

**Alfred Schembri** wara li nghata t-twissija mill-Qorti li kellu l-ghazla li ma jixhidx stante li bix-xhieda tieghu, setghu jittiehdu passi kriminali kontra tieghu, huwa ghazel li jixhed. Spjega li fi Frar tas-sena 2020 ghal habta tas-saghtejn (02:00 hrs) ta' filghodu, huwa kien rieqed fir-residenza tieghu gewwa Santa Rita, Triq il-Kus, Birzebbugia, mat-tfajla tieghu u ma ibnu. Sema l-bieb ta' barra ihabbat u meta mar jiftah, sab lil kugintu Amanda Schembri li qaltlu li kien hemm persuna qed tisraq il-vettura ta' Alfred Schembri. Ghalhekk, huwa cempel lill-pulizija mill-ewwel. Il-vettura tieghu hija Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni VIC 922. Alfred Schembri nizel biex imur jara jekk kienx hemm xi persuna fil-karozza tieghu u meta wasal daqs tul ta' vettura boghod, lemah bniedem gewwa l-vettura tieghu, liema persuna gharaf bhala l-imputat gewwa l-awla. Alfred Schembri nnota li l-imputat kien qed jipprova jaqla' r-radio minn postu u ghalhekk, Alfred Schembri prova jzomm lill-imputat gewwa l-vettura sakemm jigu l-pulizija. L-imputat beda jxejjer bis-sieq u kien se jaqbez ghan-naha tal-passiggier biex jipprova johrog minn hemm. Hekk kif prova johrog, waqa' mal-art u Alfred Schembri qabez ghal fuqu u zammu mal-art ghal madwar zewg minuti sakemm waslu l-Pulizija. Alfred Schembri jispjega li sab is-central lock tan-naha tax-xuffier sgassat, u bhala stima ta' hsarat sabiex titranga din il-lock, hija ta' bejn 182 euro jew 244 euro. Ir-radio kien tad-ditta Alpine u jiswa' mitejn u hamsin ewro (€250).

**PC 26 Ryan Farrugia** spjega li fid-19 ta' Frar, 2020 ghal habta tas-saghtejn u nofs (02:30hrs) ta' filghodu, hu flimkien mal-kollega tieghu PC 500 gew imsejha mill-control room sabiex jirrikorru gewwa Triq il-Kus, Birzebbugia stante li kien hemm serqa minn gewwa vettura u l-malvivent inqabbad u kien qed jinzamm minn xi nies. Hekk kif waslu fuq il-post sabu ragel izomm lill-imputat. Din il-persuna kienet Alfred Schembri, sid il-vettura Mercedes li giet sgassata. Meta pprova jkellem lill-imputat, dan kien fi stat agitat hafna, kellu riha qawwija ta' alcohol u kien agressiv. Meta ntalab dokument ta' identifikazzjoni, l-imputat qal li ma kellux dokumenti fuqu u ghalhekk, l-imputat wara li beda jirrezisti l-arrest, gie eventwalment arrestat.

**WPC 160 Nicolette Grech** tispjega li fid-19 ta' Frar, 2020 ghal habta tas-saghtejn u nofs (02:30hrs) ta' filghodu, hija kienet xoghol l-Ghassa ta' Birzebbugia u dahlet telefonata fejn vuci femminili nfurmatha li kien ghadu kemm inqabad ragel jisraq minn go karozza ta' kuginuwha u talbet ghall-assistenza. Hija talbet l-ghajnuna tal-RIU kif ukoll bghatet

lil PC 459 u PC 881 fuq il-post pero' peress li kienu fuq bicca xoghol ohra, dawn tal-ahhar waslu wara li kienu waslu l-RIU.

**PC 881 Nicholas Christian Caruana** spjega li huwa kien xoghol gewwa l-Ghassa ta' Birzebbugia fid-19 ta' Frar, 2020 u ghal habta tas-saghtejn u nofs ircieva telefonata li kien hemm bniedem qed jisraq minn gewwa l-karozzi u ghalhekk huwa mar fuq il-post flimkien mal-kollegi tieghu. Innota li diga' kienu waslu tal-RIU li kellhom is-sitwazzjoni taht kontroll. L-imputat itella' mill-Pulizija gewwa l-Ghassa, u wara ttiehed anke l-policlinic u eventwalment gewwa l-lock up.

**PC 459 Ibrahim Hussein** jikkonferma li fid-19 ta' Frar, 2020 ghal habta tas-saghtejn (02:00hrs) ta' filghodu, huwa rcieva telefonata li kien hemm persuna qed tisraq minn gewwa vettura u l-orderly tal-Ghassa bghatet lil PC 459 fuq il-post imsemmi. Hemmhekk sab li tal-RIU kienu diga' fuq il-post u meta tkellem mas-sid, dan tal-ahhar infurmah li qabdu jisraq minn gol-vettura tieghu. L-imputat ittiehed l-Ghassa u eventwalment ittiehed il-lock up. Jispjega li l-karozza minn fejn saret is-serqa kienet tat-tip Mercedes u l-ewwel tlett ittri tan-numru tar-registrazzjoni kienu VIC.

**Spettur Trevor Micallef** spjega li fid-19 ta' Frar, 2020 kien infurmat ghal habta tal-erbgha (04:00hrs) minn WPC 160 li kien hemm l-imputat arrestat. Meta l-Ispettur mar l-Ghassa, hadlu stqarrija dwar allegat serq minn gewwa vettura tat-tip Mercedes numru ta' registrazzjoni VIC922 minn gewwa Triq il-Kus, Birzebbugia. Inghata d-drittijiet kollha tieghu u ghazel li ma jkunx assistit minn Avukat.

**PC 500 Alex Bonnici** stazzjonat mal-RIU jghid li fid-19 ta' Frar, 2020 huwa kien night watch ma PC 26 u fis-2:30 a.m. il-control room sejhu l-assistenza tal-RIU gewwa Triq il-Kus, Birzebbugia stante li kien hemm persuna li nqabdet tisraq minn go vettura u sid l-istess vettura kien qed izommu. Ghalhekk huwa flimkien ma PC 26 marru fuq il-post fejn sabu lil sid il-vettura u l-imputat. PC 500 Alex Bonnici fired l-imputat minn sid il-vettura. L-imputat kien fi stat agitat hafna u kellha ruhu ta' xorb fuqu. Huwa beda jitkellem bil-lingwa Gharbija u meta ntalab ghad-dettalji tieghu, huwa ma kellux dokument fuqu. Stante li l-imputat beda jgib ruhu b'mod aggressiv fil-konfront tal-Pulizija, huwa gie arrestat, saret tfittxija fuqu li rrizulta fin-negattiv u ttiehed l-Ghassa.

**Antoine Vella** jahdem mal-Auto Sales Limited mal-Kinds u kkonferma li huwa hareg stima fuq zewg locks ta' Mercedes E Class, pero' huma zewg locks differenti minn xulxin.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2020, l-imputat Abdulhamid Saied irregistra ammissjoni.

Rat li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni tieghu, u wara li tatu zmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tieghu sabiex jekk irid jerga lura mill-ammissjoni tieghu, l-imputat Abdulhamid Saied rega' kkonferma l-istess ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni tieghu stess il-Qorti m'ghandha l-ebda triq ohra ghajr li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu u kwantu ghal dak li huwa piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva hija iktar idoneja u dan peress li skond dak li jirrizulta mill-fedina penali ezebita l-imputat huwa ta' karattru referettarju u minkejja d-diversi opportunitajiet moghtija lilu matul iz-zmien sabiex jirriforma ruhhu huwa, qatt ma uzufruwixxa minnhom.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 270, 271(g), 325(1)(b), 338(ff), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fuq ammissjoni tal-imputat Abdulhamid Saied stess, issibu hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**